MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1675/2002

**Carmel sive Charles u Charlie Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**Vs**

**Victor Micallef**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm196 (mija u sitta u disghin lira Maltin) rapprezentnati diversi kambjalijiet li inhargu fl-29 ta' Gunju 1997 minn Victor Micallef favur Carmel sive Charles Bianco ghall-ammont ta' Lm49 (disa' u erbghin lira Maltin) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas erba' kambjalijiet ta' Lm49 (disa u erbghin lira Maltin) kull wiehed li mmaturaw fl-29 ta' kull xahar bejn Settembru 1997 u Dicembru 1997.

Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa Lm196 (mija u sitta u disghin lira Maltin) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita’ tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament illi l-attur ghandu jipprezenta l-kambjali de quo jekk jinsisti li jezercita azzjoni kambjarja;

2. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti mhux debitur ta’ l-istess attur;

3. Illi jekk jirrizulta li nhargu kambjali favur is-socjeta’ C. Bianco Co. Ltd., kif premess mill-attur stess, allura ghandu wkoll jirrizulta li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet, u wkoll illi l-attur ma ghandux interess guridiku li jippromwovi din l-azzjoni;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti hallas kull ma kien dovut minnu jekk ghad hemm xi kambjali fil-pussess tal-attur, jew terzi, dan huwa biss ghax il-possessur tal-kambjali naqas li jikkonsenja l-istess kambjali lill-konvenut, kif kien obbligat jaghmel skond il-ligi;

5. Illi l-eccipjenti jirriserva li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-attur jipprezenta l-kambjali de quo fl-atti tal-kawza;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-azzjoni attrici tikkoncerna actio cambiaria fuq erba (4) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Il-ligi tistipula li f’kawzi simili, ghandhom jigu ammessi eccezzjonijiet ta’ natura formali fuq l-istess kambjali.

Kwalunkwe eccezzjoni ohra mhux konformi ma' din l-azzjoni hija inammissibbli.  F'dan ir-rigward, il-konvenut ma prova l-ebda promozjoni ta' azzjoni gjudizzjarji biex jkkontrobatti l-pretensjonijiet attrici.  Mhux hekk biss, ghalkemm allega soddisfazzjon tal-istess kambjali, din l-asserzjoni ma gietx pruvata a  sodisfazzjoni tat-Tribunal.  Dana aktar u aktar meta l-istess kambjali baqghu fil-pussess tal-attur.

Jiddeciedi fil-waqt li jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u sitta u disghin Lira Maltin (Lm196) kif mitluba.

Bl-ispejjes skond il-ligi bl-interessi mid-data tal-iskadenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------